MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 110/2004

Maltacom PLC .

VS

Muscat Technology Limited .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta’ attrici, wara li ppremettiet :

Illi s-socjeta’ attrici fuq talba tieghek socjeta’ konvenuta kienet installat is-servizzi telefonici bin-numri 563569 u 558406 (C?N 1017571) fin-bini maghruf bhala Unit H, Qasam Industrijali, Xewkija, Ghawdex u dana kif jirrizulta mill-annessi Dokument A u B u cioe’ kopja fotostatika awtentikata tas-*service agreements* ezistenti bejn il-partijiet ;

Illi s-socjeta’ attrici fuq talba tieghek socjeta’ konvenuta kienet installat ukoll is-servizz telefoniku bin-numru 453164 fil-fond maghruf bhala “AMZ Villa” Triq il-Buskett, Tal-Virtu, Rabat, Malta u dana kif jirrizulta mill-anness dokument C u cioe’ kopja fotostatika awtentikata tas-*service agreement* ezistenti bejn il-partijiet ;

Illi skond l-istess *service agreements* is-socjeta’ konvenuta kienet obbligat ruhha li thallas dawk it-tariffi li minn zmien ghal zmien ikunu stabbiliti mis-socjeta’ attrici ;
Illi inti socjeta’ konvenuta tinsab debitrici tas-socjeta’ attrici fis-somma ta’ sitt elef u sebgha u sittin lira Maltin u sbatax-il centezmu (Lm6067.17), liema smmont huwa dovut kwantu ghas-somma ta’ erba’ mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u tletin centezmu (Lm428.30) ghar-rigward tal-linja tat-telefon 563569, kwantu ghas-somma ta’ elf tlett mija u sitta u sebghin lira Maltin u centezmu (Lm1376.01) ghar-rigward tal-linja tat-telefon 558406 u s-somma ta’ erbat’elef mitejn u tnejn u sittin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm4262.86) ghar-rigward tal-linja tat-telefon 453164, u dana kif jirrizulta mill-annessi *statements* li qed jigu mmarkati bhala Dokument D, E u F rispettivament .

Illi ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet interpellata diversi drabi biex thallas dan l-ammont izda baqghet dejjem inadempjenti .

Talbet lis-socjeta’ konvenuta tghid ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti :

1. tiddikjara lis-socjeta’ konvenuta debitrici tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ sitt elef u sebgha u sittin lira Maltin u sbatax-il centezmu (Lm6067.17) in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 553569, 558406 u 453164 ;

2. tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas dan l-ammont lis-socjeta’ attrici .

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra s-socjeta’ konvenuta li minn issa qed tigi ingunta ghas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess socjeta' attrici konfermata bil-gurament ta' Dr. Ingrid Zammit Young .

Rat id-dokumenti annessi ma' l-istess citazzjoni, u cioe' bhala dokument "A" service agreement tan-numru 563569 ; bhala dokument "B" service agreement tan-numru 558406 ; bhala dokument "C" service agreement tan-numru 453164 ; bhala dokument "D" statement ta' l-ammont dovut fuq in-numru 563569 ; bhala dokumen "E" statement ta' l-ammont dovut fuq in-numru 558406 ; u bhala dokument "F" statement ta' l-ammont dovut fuq in-numru 453164 .

Rat ukoll ir-riferta pozittiva tas-socjeta' konvenuta li ggib id-data tat-3 ta' Jannar, 2005 . Innutat illi l-istess socjeta' konvenuta debitament notifikata b'din ic-citazzjoni, naqset illi twiegeb ghal l-istess citazzjoni, u ghal hekk baqghet kontumacja .

Innutat ukoll illi hadd ghan-nom ta' l-istess socjeta' konvenuta ma deher ghal l-udjenza tal-lum .

Semghet lill-avukat Dr. Chris Said, jikkonferma bil-gurament tieghu illi l-ammont kollu kif indikat fic-citazzjoni ghadu sal-lum ma thallasx, u ghal hekk ghadu dovut .

Il-Qorti ghal hekk, u in vista ta' din id-dikjarazzjoni tal-legali tas-socjeta' attrici, u peress illi rrizulta  illi l-ammont fic-citazzjoni ghadu dovut, u ma ssib l-ebda raguni ghaliex ma ghandhiex tilqa' l-istess talbiet attrici, tiddecidi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici, u

1. tiddikjara s-socjeta' konvenuta debitrici lejn is-socjeta' attrici fl-ammont ta' sitt elef sebgha u sittin lira maltija u sbatax-il centezmu (LM6067.17c), u dana in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 553569, 558406 u 453164 ; u
2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas dan l-ammont lis-socjeta' attrici .

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta’ din ic-citazzjoni sad-data tal-pagament effettiv, kollox kontra l-istess socjeta’ konvenuta .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------